L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Publikazzjoni : 4 ta’ Gunju, 2004

**Lejlet il-futur ix-xalata tal-passat**

Biex niccelebraw il-festi taghna, li tant ikollna minnhom dan is-sajf, niccelebraw mhux biss ‘nharha’ imam wkoll ‘lejlietha’ u x-‘xalata’ ta’ l-ghada. Gvern Nazzjonalista iddecieda li jiccelebra sewwa d-dhul ta’ Malta fl-Unjoni f’infiq kbir fin-nar u l-porvli minkejja tnaqqis fis-servizzi socjali.

Izda minn kliem il-kandidati Nazzjonalisti kif stajt narah matul programme differenti kkonvincejt ruhi li filwaqt li bil-kliem jghidu lid an huwa lejlet il-futur, daqstant iehor fil-verita’ jippriedkaw il-politika tal-passat.

Nahseb li hafna mill-votanti li vvutaw lill-Partit Nazzjonalista fl-ahhar elezzjoni ghamlu hekk biex f’pajjizna tinqaleb il-folja ghal futur gdid ghall-inqas hasbu huma.

U z-zminijiet jinbidlu biss b’taqlib radikali. U ghalhekk issagrifikaw il-vot taghhom hafna votanti – mhux biss Nazzjonalisti, izda wkoll certi votanti ta’ twemmin Laburista. U l-kandidati Nazzjonalisti l-hin kollu taparsi jiccelebraw lejlet il-futur.

Izda min-naha l-ohra qeghdin iwieghdu difiza totali tal-valuri nsara fil-sens vast taghhom. Qed juruna li ghadhom partit marbut totalment ma’ l-istituzzjoni tal-Knisja fl-ideat.

Nibda nithasseb meta nara l-izghar kandidata tal-Partit Nazzjonalista li minkejja li hi daqshekk zaghzugha m’ghandha xejn xi tghid fuq id-differenza bejn politika u religjon. Jiena wahda minn dawk li ghlija ma tantx taghmel differenza jissemmiex. Alla fil-Kostituzzjoni Ewropea – mhux ghax m’inix kattolika prattikanti – izda ghax sincerament ghalija ma nahsibx li taghmel xi differenza kbira. Kieku kelli nkun f’pozizzjoni li rrid niddeciedi fil-fond dwar dan ghax kelli nivvota dwarha kont nahseb iktar fit-tul u niddeciedi jekk hux iva jew le.

Pero’ wahda mill-iktar kwistjonijiet politiko-religjuzi fejn tidhol ir-religjon taghna li tonqros fil-laham il-haj hija l-kwistjoni tad-divorzju. U jekk kien hawn min ivvota favur l-Unjoni minhabba f’hekk, jekk ihares lejn il-Partit Nazzjonalista, jista’ jitlef kull tama li fuq din il-kwistjoni bi Gvern Nazzjonalista l-affarijiet m’huma se jimxu qatt. Jekk inkun egoista nghid li ftit li xejn jinteressawni personalment kwistjonijiet ohra apparti li jien kontra l-abort mitejn fil-mija (xi haga li mbaghad l-EPP – il-Partit li se jifformaw parti minnu l-Partit Nazzjonalista – ghandu element qawwi favurih f’certi cirkustanzi).

Pero’ forsi hawn sezzjonijiet ohra tas-Socjeta’, bhall-omesswali, li jinteressawhom zviluppi ohra li ghalkemm jien ma nhossx l-ebda bzonn ghalihom – huma jhossu l-bzonn ghalihom. Bi zwieg daqshekk kbir bejn Stat u Knisja kif jista’ jigri bi Gvern Nazzjonalista qatt m’ahna se ninqalghu mit-tradizzjonalizmu ta’ Malta.

Meta nisma’ kandidati Nazzjonalisti jitkellmu, inhossni sejra lura fiz-zmien ghas-sittinijiet, ghalkemm dak iz-zmien lanqas biss kont nezisti! Filwaqt li kandidati Nazzjonalisti jippriedkaw il-futur, jitkellmu donnhom qishom fl-isbah tax-xalata tal-passat!

Zgur li fejn tidhol l-istrettezza tar-religjon huwa wkoll Partit Laburista, bhal dejjem, li e jkollna noqghodu fuqu biex li jsir fl-Istat ma jkunx l-interess esklussiv ta’ l-istituzzjoni tal-Knisja. Ma nixtieqx Malta ateista – s’issa kull nhar ta’ Hadd jaccetawni ghall quddiesa – izda nixtieq Malta fejn hemm differenza bejn Ligi u Religjon. Differenza bejn moralita’ u religjon. Jiena kontra l-

abort mhux ghax tghidli l-Knisja, izda ghax inhoss li huwa moralment skorrett. U hemm bzonn li l-Maltin ma jibqghux immexxijin minn iktar minn Gvern wiehed f'daqqa! Il-Knisja ghandu jkollha biss rwol ta' konsulenza u mhux vot!

Li huwa ironiku huwa l-fatt li ghal darb'ohra l-Partit Nazzjonalista jobbliga ruhu ma' setturi differenti tas-socjeta' u minn banda jobbliga ruhu lejn in-nies bhal Zeppi l-Hafi ghax ivvutawlu u mill-ohra – billi ghandu hafna votanti lebsin il-velu jew is-suttana, jobbliga ruhu lejn il-principji nsara fl-estrem.

Imsieken kienu dawk li hasbu li billi nidhlu fl-Unjoni u nergghu neleggu Gvern Nazzjonalista se jkun hemm xi caqlieqa f'dan is-sens. Ghandhom ragun jittamaw li dak li ma kienux kapaci jaghmluh ta' Malta jgieghluhom jaghmlu ta' barra ! Pero' sfortunatament certi affarijiet interni huma nterni.

Fi kwistjonijiet bhal tad-divorzju nemmen li ilna nghattu x-xemx bl-gharbiel. Hawn hafna neis qed ibatu minhabba sitwazzjonijiet ta' familji mkissra. U f'dan il-qasam nemmen li ftit divizjoni bejn Knisja u Stat taghmel tajjeb.

Veru li l-Partit Nazzjonalista u ta' l-IVA jghidu 'Iva' dejjm u lil kulhadd. Jghidu 'iva' lill-Unjoni, lill-Knisja, lil Zeppi l-Hafi. Veru kollox iva! Lil Alla u lix-xitan! Iridu jikkmandawhom biex jikkmandaw. U filfatt bhalissa bis-sitwazzjoni ekonomika tal-pajjiz jidher sewwa li Gvern Nazzjonalista iridu jikkmandawh biex ikun jista' jmexxi ghax wahdu ghamel froga! Dan isostnuh diversi nies stess li vvutawlu!

Nahseb li sahansitra dawk ir-'renegades' li huma nies Laburisti li vvutaw Nazzjonalisti biex jehilsu (minghalihom) minn gvernijiet Maltin m'ghandhomx ghalxiex jahsbuha darbtejn halli jergghu lura ghall-Partit originali taghhom biex ikomplu jgibu d-differenza (kif jifhmuha huma). Iridu jiftakru wkoll li kien Partit Laburista fil-passat li solva l-iktar punti li jaharqu u li halla l-kaxxa ta' Malta minn fuq.

U huwa Gvern Nazzjonalista li ghallimna l-kelma deficit. Ma nahsibx li min ivvota 'iva' jew Nazzjonalisti fl-ahhar elezzjoni u ghamel hekk biex ninqatghu mill-passat ried dizastru ekonomiku u Stat u Knisja haga wahda bhalma nsibu biss f'certi pajjizi tad-dinja Musulmana.

Zgur li z-zminijiet tal-futur se jkunu sbieh politikament ghalkemm koroh ekonomikament. Nemmen li l-Partit Laburista se jkollu l-ikbar kontribut fil-formazzjoni vera tal-futur u din il-formazzjoni tal-futur tista' tibda mit-12 ta' Gunju li gej jekk ikollna partecipazzjoni tajba Laburista fil-Parlament Ewropew.

Hekk niccelebraw verament lejlet il-futur u mhux ix-xalata tal-passat!